MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2009

Numru 750/2009

**Il-Pulizija
Sp Joseph Hearsey
Vs
Adama Coulibaly**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Adama Coulibaly ta' 19-il sena iben Bourama u Zilli Duminjan, mwieled Bouake fl-Ivory Coast fis-7 ta' Jannar 1990 u residenti Hal Far Tent Village u maghruf bil-Permesso Di Soggiorno Italiano numru Q800084 u Titolo di Viaggio per Stranieri Nru 060287.**

**Akkuzat talli fid-29 ta' Lulju 2009 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'Malta bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista jew ta parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta jew li**

**sew f'Malta sew barra minn Malta kkongura f'dak is-sens ma xi persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkotanzi kellu f'idejh passaport mahrug lilu minn awtorita kompetenti jew le, u ttrasferixxa dak il-passaport lil persuna ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3A tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet, liema ammissjoni l-imputat kien rega kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghaldaqstant dawn l-imputazzjoni gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-ARtikolu 337(A)(1) tal-Kap 9 u l-Artikolu 3(a) tal-Kap 61 u l-ARtikolu 17H tal-Kap 9, qed issib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero li t-tieni imputazzjoni f'dawn ic-cirkostanzi tista' titqies bhala assorbita fl-Artikolu 17H tal-Kap 9. Il-Qorti qieset li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija u li l-fedina penali tieghu hija nadifa izda min-naha l-ohra is-self ta' passaport lil persuna ohra sabiex din tkun tista' tottjeni biljett ta' l-ivjaggar biex tahrab minn Malta ghandu jitqies bhala reat serju.**

**Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------